**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta' Novembru, 2017

Rikors Guramentat numru : 5/17AL

**A B f'isimha proprio u b'digriet tas-16 ta' Jannar 2017 giet nominata bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri N Ali D E M u G Ali D E M**

**vs**

**L-Avukat Dottor Josette Sultana u l-PL Quentin Tanti b'digriet tas-16 ta' Jannar 2017 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C D E M assenti minn Malta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi r-rikorrenti giet ammesssa ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali skont l-inkartament anness (Dok GG 1);
2. Illi fis-6 ta' Novembru 2010 il-partijiet izzewgu bir-rit islamiku

fil-Libja kif jirrizulta mill-inkartament anness bhala Dok GG2;

3. Illi minn dan iz-zwieg twieldu l-ulied tal-partijiet N Ali D E M fil-15 ta' Marzu 2013 kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid anness bhala Dok GG3, u G Ali D E M fis-17 ta' Settembru 2011 li tali certifikat tat-twelid qieghed jigi anness bhala Dok GG4;
4. Illi madwar sentejn u nofs ilu l-intimat ma rritornax lura d-dar u ghaldaqstant ir-rikorrenti ilha ma tisma minghand u b'ahbar zewgha ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs, u ma ghandha l-ebda ahbar jew hjiel iehor fir-rigward tieghu lanqas fir-rigward tar-residenza prezenti u attwali tieghu;
5. Illi f'dan iz-zmien kollu kienet unikament ir-rikorrenti li hadet hsieb il-bzonnijiet kollha tal-fuq imsemmija ulied N u G;
6. Illi r-rikorrenti rritornat bit-tfal lura Malta mill-Libja f'Ottubru 2016;
7. Illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ir-rikorrenti tixtieq illi l-awtorita' tal-genitur fil-konfront tal-imsemmijin ulied minuri N u G tigi vestita unikament fiha bhala omm l-istess ulied minuri, sabiex b'hekk l-istess rikorrenti tkun tista tiehu wehidha d-decizjonijiet important kollha li jistghu jikkoncernaw lill-istess minuri sakemm dawn jaghlqu l-eta' maggorenni taghhom, u li ghandhom bzonn tal-awtorita' tal-genituri, minghajr ma kull darba jkollha bzonn li tirrikorri ghall-awtorizzazzjoni ta' dina il-Qorti;
8. Illi minhabba li r-rikorrenti ma semghetx b'ahbar zewgha l-assenti u kull tentattiv kien inutli, kellhom jitqabbdu kuraturi sabiex jirrapprezentawh;

Talbet ghalhekk li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, prevja okkorendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija :

1. Tordna illi l-awtorita tal-genitur fir-rigward tal-ulied minuri N Ali D E M u G Ali D E M tigi vestita unikament fil-persuna ta' ommhom l-istess rikorrenti;
2. Tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri N u G tigi fdata esklussivament fir-rikorrenti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li permezz taghha eccepew :

i. Illi f'dan l-istadju l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju ulterjuri tal-proceduri jekk ikun il-kaz;
ii. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semgħet ix-xiehda tal-attriċi u ta' ommha Marija B Azzopardi;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża bejn ir-rikorrenti u żewġha Ali D E M, fejn qiegħda tintalab tafda lir-rikorrenti bil-kura u l-kustodja ta' uliedhom minuri N M u G M. L-intimat huwa assenti minn Malta, u għalhekk qed jiġi debitament rappreżentat f'dawn il-proċeduri, mill-Kuraturi maħtura għal dan l-iskop.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva, partikolarment għall-iskop tal-ġurisdizzjoni tagħha, illi jirriżultalha li l-minuri N u G M jgħixu u qegħdin hawn Malta flimkien ma' ommhom r-rikorrenti, u jinsabu domiċiljati hawn Malta.

Il-fatti tal-kawża, fil-qosor huma s-segwenti[1]:

(a) Illi r-rikorrenti, ċittadina Libjana imwielda hawn Malta, iżżewġet lill-konvenut Ali D M, Libjan, ġewwa Hay Al Andalus fil-Libja fis-6 ta' Novembru 2010.[2]

(b) Miż-żwieġ, fil-Libja, twieled il-minuri G M fis-17 ta' Settembru 2011[3], u sussegwentement twieldet il-minuri N M fil-15 ta' Marzu 2013[4];

(c) Illi l-familja M kienu lkoll jirrisjedu ġewwa Tripli fil-Libja, sakemm ċirka tliet snin ilu, fi żmien ta' kunflitt kbir fil-pajjiż, il-konvenut assenti ma rritornax id-dar; Huwa ħareġ għax-xogħol u ma daħalx lura. X'aktarx li ġie maħtuf fil-gwerra ta' Tripli għax missieru kellu ħafna flus. Tiegħu intalab rahan ta' xi mitt elf imma ħuh ma setax iħallas din is-somma għax il-flus kienu l-Bank; Imbagħad ma ċemplux iktar u ma jafux x'sar minnu;

(d) Il-familja estiża tal-konvenut marru lkoll ġo Bengħażi għax beżgħu għat-tfal tagħhom. L-attriċi li kienet regolarment tirrisjedi magħhom, marret tgħix magħhom f'Bengażi flimkien m'uliedha, iżda kien hemm ħafna gwerra u għalhekk hija ġiet hawn Malta;

(e) Illi hija ġiet tirrisjedi hawn Malta, għand ommha Marija B Azzopardi, li hija Maltija, f'Ottubru 2016;

(f) L-attriċi ma tafx jekk żewġha effettivament huwiex ħaj jew mejjet, u jekk ħaj, hija ma tafx fejn jinsab jirrisjedi; Spjegat illi

---

[1] Dawna jirriżultaw mid-dokumenti esebiti fil-proċess u wkoll mix-xiehda tal-attriċi u ta' ommha Maria Gamhour Azzopardi mogħtija fil-11 ta' Mejju 2017, fol. 29.
[2] Ċertifikat taż-żwieġ relattiv jinsab esebit fol. 7
[3] Ċertifikat tat-twelid relattiv jinsab fol. 9
[4] Ċertifikat tat-twelid relattiv jinsab fol. 8

s-sitwazzjoni fil-Libja kienet tali li bdew jisirqu n-nies u jitolbu somma flus għalihom. Jekk jinqatlu mhux dejjem issir taf. Jekk tħallas ir-rahan mitlub, xi drabi jinqatlu xorta waħda;

(g) L-attriċi ilha weħidha tieħu ħsieb lil uliedha, mingħajr l-assistenza ta' żewġha, minn dakinhar li għeb;

(h) Hija pproċediet b'dawn il-proċeduri, partikolarment sabiex il-minuri jkunu jistgħu jiksbu l-edukazzjoni tagħhom hawn Malta, ladarba fil-preżent qegħdin jgħixu hawn.

PRINĊIPJI LEGALI

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli[5] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[6], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo*

[5] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP
[6] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;

*alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et [7] u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[8] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Il-Qorti għaldaqstant għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-konjuġi bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[9].

## APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Fil-każ in eżami, jirriżulta illi m'huwiex magħruf jekk l-intimat huwiex ħaj jew mejjet. L-attriċi ilha ma tikkomunika miegħu minn dak in-nhar li nħataf ġewwa Tripli. Sfortunatament teżisti l-possibilita li huwa ġie maqtul, stante li r-rahan mitlub għalih ma tħallasx. Illi fil-frattemp, l-attriċi qiegħda tgħix hawn Malta għand ommha, flimkien m'uliedha li fil-preżent għandhom sitta u erba' snin rispettivament. Jeħtieġ li minkejja l-akkadut ġewwa Tripli, dawn il-minuri jkomplu b'ħajjithom u bl-edukazzjoni tagħhom, b'mod kemm jista' jkun normali, anke jekk fl-assenza ta' missierhom. Illi sabiex dan ikun aċċertat, il-Qorti hija tal-fehma li omm il-minuri għandu jkollha l-kura u l-kustodja tagħhom b'mod esklussiv. Fin-nuqqas, ser ikun hemm konsegwenzi negattivi fuq il-minuri, ħaġa li kull ġudikant, u din il-Qorti mhux inqas, bħala regola, jevita li jikkawża.

---

[7] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;

[8] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP)

[9] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi in vista ta' dan suespost, il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex takkorda il-kura u l-kustodja tal-minuri G u N M esklussivament u unikament f'idejn l-attriċi.

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti b'dana illi tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri G M imwieled lir-rikorrenti fis-17 ta' Settembru 2011 u tal-minuri N M imwielda lir-rikorrenti fil-15 ta' Marzu 2013 qed tiġi fdata unikament u esklussivament f'idejn ommhom ir-rikorrenti A B, b'dana illi kwalsiasi deċiżjoni rigwardanti saħħa, edukazzjoni, reliġjon, trobbija, safar tal-minuri, inkluż il-ħruġ u/jew it-tiġdid tal-passaport tal-minuri u b'mod ġenerali kull deċiżjoni oħra rigwardanti l-minuri għandha tittieħed mir-rikorrenti weħidha mingħajr il-bżonn tal-awtorizazzjoni u/jew il-kunsens tal-intimat;

Bl-ispejjeż ikunu sopportati mill-konvenut b'dan li l-attrici thallas provvizorjament l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-kuraturi deputati.